MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-12 ta' April, 2005

Avviz Numru. 183/2002/1

**Brownrigg Supplies & Services Limited**

**vs**

**Town Investments Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat l-14 ta' Marzu tas-sena 2002 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata :

1. Illi thallasha s-somma ta' tlett elef, disa' mija u seba' Liri Maltin u sebgha u tmenin centezmu, (LM3,907.87,0), rapprezentanti l-valur ta' *supply and*

*installation* ta' *electrical and plumbing material*, provduti u esegwiti lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici fuq inkarigu ta' l-istess socjeta' konvenuta in esekuzzjoni tal-*electrial and plumbing installation* f'Busietta Gardens;

2. Bl-ispejjez u bl-imghax legali dekoribbli mill-5 ta' Dicembru tas-sena 2001, sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra s-socjeta' konvenuta rapprezentanti ta' liema huma ingunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-4 t'Ottubru tas-sena 2002 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:

Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi x-xoghol li lahaq gie esegwit qabel ma s-socjeta' attrici abbandunat l-istess xoghol, huwa hazin u ma sarx skond l-arti u s-sengha kif jista' jigi ampjament pruvat;

2. Illi fi kwalsiasi kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa esagerat u mhux misthoqq;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm – il darba jkun il-kaz;

4. Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici li hija ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi wara sejha pubblika mis-socjeta' konvenuta, dik attrici giet moghtija l-inkarigu li taghmel ix-xoghlijiet ta' elettricku u "*plumbing*" li kellu jsir fil-progett de quo;

2. Illi wara dan giet konsolidata l-hekk imsejha "*letter of intent*" datata it-2 ta' Lulju tas-sena 2001, liema ittra giet iffirmata regolarment mill-partijiet involuti;

3. Illi l-partijiet involuti kellhom ukoll l-intiza specifika li l-kuntratt veru u proprju kellu jigi ffirmat fi stadju ulterjuri, izda dan qatt ma avvera ruhu;

4. Illi nonostanti dan, is-socjeta' attrici bdiet tespleta r-responsabbilitajiet kontrattwali taghha u dan, stante li x-xoghlijiet kienu estensivi;

5. Illi l-problemi li jirrizulta li nqalghu matul il-perijodu operattiv dejjem gew rizolti u sodisfazzjoni tal-periti u tat-teknici tas-socjeta' konvenuta u gew regolarment iccertifikati;

6. Illi matul l-istess perijodu operattiv is-socjeta' attrici bdiet tara li s-socjeta' konvenuta ma kinitx finanzjarjament b'sahhitha biex tkopri l-ispejjez taghha u ghalhekk wara li naqset l-"*over-time*" u n-nies kienet ukoll kostretta tieqaf mix-xoghol;

7. Illi l-ammont globali tax-xoghlijiet maghmula mis-socjeta' attrici fil-proprjeta' tas-socjeta' konvenuta hu dak indikat minnha fl-avviz odjern;

8. Illi s-socjeta' konvenuta ma halsitx ghal dan ix-xoghol ghaliex inqalghu problemi finanzjarji;

9. Illi x-xoghlijiet hekk maghmula mis-socjeta' attrici gew regolarment certifikati minn socjeta' konsulenti appozita, (ara fol 44);

10. Illi jirrizulta li l-Bank of Valletta kien involut fil-finanzjar tal-progett organizzat mis-socjeta' konvenuta, (ara fol 129);

11. Illi meta socjeta' kreditrici ghas-socjeta' konvenuta tippretendi l-hlas dovut ghax-xoghlijiet lilha maghmula dan ix-xoghol l-ewwel jigi certifikat mill-perit ta' l-imsemmi bank finzjatur u wara l-konferma ta' l-istess jigi effettwat il-pagament dovut;

12. Illi l-metodu fuq indikat kellu jkun il-metodu li bih kellha tithallas is-socjeta' attrici;

13. Illi gara pero li meta giet biex tithallas din is-socjeta', "…il-bank irtira l-facilita' li kien qed jaghti lis-socjeta' konvenuta", (ara fol 130);

14. Illi ghal din ir-raguni, l-kredituri kollha tas-socjeta' konvenuta "…ma setghux jithallsu";

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta mis-segwenti:

1. Illi s-socjeta' attrici effettwat ix-xoghlijiet indikati fl-avviz odjern lis-socjeta' konvenuta, u dan kif suffragat mid-dokumentazzjoni minnha prodotta;

2. Illi dawnix-xoghlijiet gew regolarment certifikati bhala idonei skond il-ligi;

3. Illi l-pagamenti dovuti mis-socjeta' konvenuta ma gewx effettwati stante li s-sitwazzjoni finazjarja ta' din is-socjeta' ma kinitx tassigura r-ritorn finanzjarju li l-bank sostenitur taghha kien jippretendi u ghalhekk waqqfilha l-facilita' finanzjarja li kien qed jipprovdi biex effettivament jiddikjara falluta;

Ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta' attrici ippruvat il-kaz taghha skond il-ligi u filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha sollevati mis-socjeta' konvenuta:

1. Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta Town Investments Limited hi debitrici favur is-socjeta attrici Brownrigg Supplies & Services Limited fl-ammont ta' tlett elef disa' mija u seba' Liri Maltin u seba' u tmenin centezmu, (LM3,907.87,0);

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Town Investments Limited thallas dan l-ammont ta' tlett elef disa' mija u seba' Liri Maltin u seba' u tmenin centezmu, (LM3,907.87,0), hekk indikat lis-socjeta' attrici Brownrigg Supplies & Services Limited, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi dekorribbli mill-5 ta' Dicembru tas-sena 2001 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------